MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2008

Numru 556/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**vs**

**Erin Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Erin Portelli ta' 21 sena, ibin Anthony u Mary Rose nee' Sciberras nee', imwieled Pieta', fid-09 ta' Mejju 1986 u li joqghod fi 54, Sarg Street, Kercem, Ghawdex. Detentur tal-karta ta' l-identita' numru 22386(G) gie akkuzat:

Talli f' dawn il-Gzejjer, u cioe' f' Dicembru 2006, u fil-perjodu ta' qabel b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda,

1. bhala ufficjal ta' operatur postali li agixxa bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament liema gurament sar skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 30 tal-Kapitolu 254 Att Dwar is-Servizazi Postali

(Dan bi ksur ta' l-artikolu 75 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta)

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AG 4 u nnutat li l-imputat m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 18 tal-Kap. 9 u l-artikolu 75 tal-Kap. 254 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Erin Portelli, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju

bikri tal-kawza u l-fedina penali netta tal-istess imputat tikkundanna lill-imsemmi imputat Erin Portelli ghall-piena ta’ erba’ mija u hamsa u sittin Ewro u seba’ u tmenin centezmi ta’ l-Ewro (Ewr 465.87) multa ekwivalenti ghall-mitejn Liri Maltin (Lm200).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------